**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 20 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 1834/01 AJD**

**Middle Sea Insurance Plc, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Alfred Aloisio**

**vs**

**Salvatore Scardaci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Dicembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm495.32), rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kellu taht il-kura tieghu il-vettura bin-numru HAF 665, fit-8 ta' Jannar, 2000, gewwa Haz-Zebbug, habat mal-vettura numru AAM 945, propjeta' tal-attur Alfred Aloisio u ikkaguna danni fl-istess vettura. Dan l-incident huwa responsabbli ghalih unikament il-konvenut minhabba negligenza u traskuragni.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' April, 2000, u tal-ittra ufficjali prezentata mal-Avviz tat-Talba kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, u bl-imghax, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecceepixxa illi:-
1. Jiena qieghed nikkontesta t-talba ghaliex mhux minnu illi jiena kont responsabbli ghall-incident.
2. L-incident gara waqt li jiena kont ghaddej minn Mdina Road u kif wasalt hdejn ix-showroom tal-Futura Appliances, rajt nar hiereg mill-vettura tieghi. Jiena pparkjajt il-vann u hrigt mill-vettura tieghi. Din bdiet miexja wahedha u laqtet il-karozza tal-konvenut li kienet ipparkjata. Jiena bla ebda mod ma kont negligenti jew traskurat f'dak li ghamilt.
3. Ghalhekk ma ghandix inhallas ghall-hsarat li sofra l-attur.

Sema' x-xhieda ta' Emanuel Bezzina, Lee Micallef, PS 364 Joseph Mangani, Anthony Farrugia u tal-konvenut Salvatore Scardaci.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-partijiet.

Ikkunsidra:
1. Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku mhux tas-soltu. Dan sar fit-8 ta' Jannar, 2000, meta l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAM 945, propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' attrici, li kienet parkeggjata f'Mdina Road, Haz-Zebbug, giet milquta minn vann bin-numru tar-registrazzjoni HAF 665 liema vann kien qed jimxi wahdu fis-sens li ma kienx hemm sewwieq meta laqat il-vettura msemmija.

2. Illi l-konvenut li huwa propjetarju ta' dan il-vann, spjega li waqt li kien qed jipprocedi fil-lokalita' msemmija ra d-duhhan hiereg mill-'bonnet' tal-vann u ghalhekk huwa waqqaf il-vann, nizel u mar sabiex jiftah il-'bonnet', izda peress li dan kien jahraq hafna m'azzardax jifthu u malli resaq mal-gemb tal-vann, dan startja wahdu u beda jimxi u konsegwentement laqat il-vettura tal-attur li kienet parkeggjata. Il-konvenut isostni li qabel ma nizel mill-vann, huwa tefa' l-magna u gholla l-'handbrake'.

3. Illi l-konvenut jirritjeni li huwa m'ghandux jitqies responsabbli ghall-incident ghaliex ma kienx hemm traskuragni jew negligenza da parti tieghu.

4. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-konvenut ta' kif sehh l-incident hija ghal kollox inverosimili. Wiehed difficilment jifhem kif vann bil-magna mitfija u bil-'handbrake' mgholli, f'daqqa wahda jibda miexi wahdu. Huwa ferm importanti li jigi rilevat li l-konvenut stqarr li gholla l-'handbrake' biss meta saritlu domanda diretta in kontro-ezami. Fattur importanti bhal dan kieku kien veru, kien jigi rilevat a 'tempo vergine' lill-Pulizija li nvestiga l-kaz u kien jintqal spontanjament u immedjatament fid-deposizzjoni tal-konvenut u mhux biss in kontro-ezami bhal li kieku dan il-fatt ma kienx daqshekk rilevanti u kellu jfakkru dwaru l-avukat tal-kontro-

parti.

5. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenut kien negligenti meta qabad u abbanduna l-vettura tieghu fi triq ghan-nizla bil-‘handbrake’ mhux mgholli u minghajr ma accerta ruhu li l-vettura hekk abbandunata ma kienitx ser tikkostitwixxi perikolu lil terzi.

6. Illi l-konvenut ghalhekk ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-8 ta’ Jannar, 2000, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti fil-vettura tal-assikurat tas-socjeta’ attrici.

7. Illi l-konvenut fis-seduta tad-29 ta’ April, 2002, iddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-quantum tad-danni reklamati mill-attur u inoltre s-socjeta’ attrici esibiet l-ircevuti relattivi (a fol. 28 et seq).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u hamsa u disghin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm495.32) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tan-notifika tal-Avviz tat-Talba sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ April, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut prezentata kontestwalment mal-Avviz, jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**